MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1548/1985/1

**Saviour u Joseph ahwa Gatt**

**Vs**

**Edgar, John, Violet mart John Scicluna f'isimha proprju u bhala prokuratrici ta' l-imsiefra Hilda mart Charles Portelli, ahwa Gatt**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-22 ta' Awissu, 1956 miet Raymond Gatt missier il-kontendenti u fit-8 ta' Awissu, 1983 mietet Fortunata Gatt ommhom, u b'testment *unica charta* tad-29 ta' Ottubru, 1952, fl-atti tan-Nutar Alexander Sciberras

Trigona, l-istess konjugi Gatt kienu hallew bhala eredi taghhom lill-kontendenti fi kwoti ugwali bejniethom;

Premess illi l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti gja ezistenti bejn il-genituri tal-kontendenti kien gie likwidat u maqsum bejn il-partijiet odjerni u ommhom b'sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-3 ta' Gunju 1983;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

i. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejta Fortunata Gatt;

ii. Taqsam f'sitt porzjonijiet ugwali li jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-partijiet;

iii. Taqsam f'sitt porzjonijiet ugwali l-assi partikolari gja appartenenti lil missier il-kontendenti u assenjat lill-konvenuti b'effett ta' l-imsemmija sentenza, u li jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti bin-nomina ta' kuratur biex jirrapprezenta lil kontumaci fuq l-att tad-divizjoni u ta' Nutar biex jippublika l-istess att;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Edgar Gatt u Violet Scicluna *proprio et nomine* illi permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi huma ma jopponux ruhhom ghat-talbiet ta' l-atturi salv li d-divizjoni ta' l-assi komuni tista' ssir kif mitlub mil-ligi;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor John Gatt illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

Illi huwa ma jopponix ruhu ghat-talbiet attrici salv il-verifiki tal-kwoti u kwantu jirrigwarda Fortunata Gatt tal-konsistenza ta’ l-assi taghha;

B’rizerva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut John Gatt u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-11 ta’ Marzu 1986 li permezz tieghu gew nominati bhala periti gudizzjarji Dr. Rudolph Saliba u AIC Joseph Huntingford biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ukoll id-digriet ta’ l-10 ta’ Ottubru 1988 li permezz tieghu l-Qorti ssostitwit fil-perizja ghall-kompjant Dr. Rudolph Saliba lil Dr. Anthony P. Farrugia; kif ukoll dak tad-9 ta’ Lulju 1993 li wara rikors appozitu ta’ l-atturi, gie sostitwit l-ahhar perit legali nominat u nhatar Dr. Carmelo Vassallo in sostituzzjoni bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat ukoll id-digriet ta’ l-10 ta’ April 1995 li permezz tieghu gie nominat AIC Frederick Doublet bhala perit tekniku minflok AIC Joseph Huntingford li miet fil-mori tal-kawza;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali Dr. Carmelo Vassallo li tinsab a fol. 67 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza ta’ l-1 ta’ Lulju 1996;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda in eskussjoni moghtija mill-istess perit relatur;

Rat ir-relazzjoni addizzjonali ta’ l-istess perit legali li tinsab a fol. 126 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-30 ta’ April 1998;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hi kawza propulsa ghad-divizjoni ta’ l-assi ta’ Fortunata Gatt, omm il-kontendenti, li mietet fit-8 ta’ Awissu 1983. Missierhom Raymond Gatt kien miet fit-22 ta’ Awissu 1956. Bil-mewt tieghu tterminat il-komunjoni gja vigenti bejnu u martu. F’sitwazzjoni bhal din fejn imut ir-ragel u ma tkunx saret il-likwidazzjni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti l-assi ma jistghux jitqiesu li huma ta’ l-eredi tieghu, kif lanqas ma jista’ jinghad li huma tal-mara, armla tieghu. Jibqghu jappartjenu lill-komunjoni sakemm din tibqa’ fi stat ta’ indivizjoni. (**Vol. XLIV P I p 416**);

Fil-kaz prezenti dan l-istat ta’ indivizjoni intemm malli b’sentenza tat-3 ta’ Gunju 1983 (Citazz. Nru. 983/77), ad istanza ta’ l-omm, giet likwidata u diviza l-komunjoni ta’ l-akkwisti. In effetti l-kontendenti qablu li ssir referenza ghall-provi rakkolti f’dik il-kawza u sentenza. Ara verbali taghhom fis-seduti tat-2 ta’ Gunju 1986 quddiem l-ewwel perit legali;

Irid jinghad illi l-kontendenti gew nominati werrieta fi kwoti ugwali bejniethom permezz ta’ l-uniku testment *unica charta* tal-genituri taghhom tad-29 ta’ Ottubru 1952, atti Nutar Alexander Sceberras Trigona;

Issa “l-gurisprudenza ezistenti hi kollha fis-sens illi fid-divizjoni ta’ assi ereditarji jridu jingiebu fil-qasma dak kollu li jidhol f’dawk l-assi. Il-principju hu illi ‘*judex familiae erciscundae nihil debet indivisum relinquere’*” (**Vol. XXXV P I p 188**);

F'azzjoni bhal din "jidhlu mhux biss is-sustanzi attivi u passivi ezistenti fil-gurnata ta' l-apertura tas-successjoni, izda anki l-akkwisti u l-ispejjez li jkunu saru in pendenza ta' l-istess successjoni, kif ukoll ir-rizultat ta' l-amministrazzjoni provvizorja li tkun saret, anke mill-istess konsorti, fil-kors tal-komunjoni ereditarja." (**Vol. XLIV P II p 587**). Ghaldaqstant fil-likwidazzjoni tal-wirt ghandhom jigu komprizi anki l-frutti tal-beni komuni. F'dan is-sens hija wkoll il-gurisprudenza taghna bazata fuq il-principju li "*fructus augent haereditatem*". (**Vol. XXIX P I p 1203; Vol. XLIV P II p 622**);

Tajjeb ukoll illi f'materja ta' divizjoni jinzammu dejjem in mira dawn il-principji, jigifieri:

(I) li mill-qasma titnissel ripartizzjoni ugwali (**Vol. XLVI P I p 355**);

(II) li fejn jezisti l-mezz possibbli tad-divizjoni, il-licitazzjoni ghandha tigi evitata (**Vol. XI p 305**);

(III) li ghalkemm per regola d-divizjoni ghandha ssir bix-xorti b'danakollu meta s-sortegg mhux konsentit, dato c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ghandha tigi preferuta d-divizjoni "*per assegnazione*" (**Vol. XLI P I p 257**);

(IV) li f'divizjoni hu dejjem desiderabbli li l-ekwiparazzjoni ma tkunx oneruza (**Vol. XLV P I p 98**);

Fil-kaz hawn trattat jirrizulta li l-assi komponenti l-ereditajiet tal-gerituri tal-kontendenti jikkonsistu principalment fi stabili, frutti konsistenti f'kirjiet percepiti minn dawn l-immobbli, ghamara, u deheb. Issemma wkoll xi negozju ta' bejgh ta' karozzi minn wahda mill-kontendenti;

Ghal dik li hi proprjeta` immobiljari l-perit legali, wara li ha qies tas-sitwazzjoni u kif il-fondi jirrelataw mas-singoli

kontendenti, ippropona li l-*modus divisionis* dwarhom issir b'assenjazzjoni;

Ghalhekk hu ghadda biex jissuggerixxi dan il-pjan ta' qasma:

1. Lil Eddie Gatt jigu assenjati l-fondi 29 Flats 1, 2, 3 St. Roque Street, Cospicua, stmati Lm2700, u ghalhekk irid ihallas ekwiparazzjoni ta' Lm400, cioe` Lm200 lil Saviour Gatt u Lm200 lil Joseph Gatt;

2. Lil Saviour Gatt jigu assenjati l-fondi 28 Flats 1 u 2 St. Roque Street, Cospicua, bil-valur ta' Lm1400 u jiehu ekwiparazzjoni ta' Lm900 kwantu ghall-Lm200 minghand Eddie Gatt u Lm700 minghand Hilda Portelli;

3. Lil Joseph Gatt jigi assenjat il-fond 28A, "Violet" St. Roque Street, Cospicua, bil-valur ta' Lm700 u jiehu Lm1600 ekwiparazzjoni kwantu ghall-Lm700 minghand Violet, Lm700 minghand John Gatt, u Lm200 minghand Eddie;

4. Furta House, Cottonera Road, Vittoriosa, li hu mikri b'kera ta' Lm100 lil terzi, jigi assenjat lil Hilda Portelli, bil-valur ta' Lm3000, u thallas ekwiparazjoni ta' Lm700 lil Saviour Gatt;

5. Lil John Gatt jigi assenjat il-garage Gattsons, Cottonera Road, Vittoriosa, bil-valur ta' Lm3000, u jhallas ekwiparazzjoni ta' Lm700 lil Joseph Gatt;

6. Lil Violet Scicluna jigi assenjat il-fond St. Anne House, Cottonera Road, Vittoriosa, bil-valur ta' Lm3000, u thallas ekwiparazzjoni ta' Lm700 lil Joseph Gatt;

Il-perit legali ppropona wkoll bhala alternattiva l-licitazzjoni tal-fondi. Fil-fehma tal-Qorti ma jidherx li din il-proposta tkun l-ispartizzjoni l-aktar idejali jew gusta, u fil-verita` ma jidherx li l-kontendenti jaqblu ma' proposta bhal din tant li, eccettwat l-attur Joseph Gatt, ma ressqu l-ebda kritika ghal pjan ta' qasma '*per assegnazione*' salv l-espressjoni

tax-xewqa da parte tal-konvenuti John Gatt u Vivian Scicluna illi l-fondi rispettivament proposti li jigu assenjati lilhom jinzammu minnhom indivizament flimkien. Ara f'dan il-kuntest il-verbal taghhom fl-udjenza ta' l-10 ta' Lulju 1998. Din il-Qorti ser tirrispetta din il-volonta` taghhom u ser tghaddi biex taccettaha;

B'mod generali tafferma wkoll li l-pjan bil-mod ta' assenjazzjoni propost mill-perit gudizzjarju hu l-aktar wiehed possibbli, plawsibbli, u korrispondenti ghal divizjoni l-aktar ekwa u gusta skond ir-rispettivi kwoti tal-kontendenti u l-interessament taghhom fil-fondi lilhom hekk assenjati;

Ghal dak li jirrigwarda l-mod tal-qasma tal-kirjiet u konferimenti l-perit legali permezz ta' relazzjoni ulterjuri pprogetta pjan in sostituzzjoni ta' dak originarjament propost minnu fl-ewwel rapport. Dan ghamlu wara li gabar l-informazzjoni kollha pertinenti fir-rigward, u wara li wkoll ikkummenta u ppreciza l-punt legali, in tema ta' komunjoni, illi min jaghmel uzu anke esklussiv ta' haga komuni, bix-xjenza u akkwiexxenza tal-ko-proprjetarji l-ohra, "*si serve del suo diritto*" (**Vol. XXV P I p 671**) u ma jistghax jigi mitlub li jhallas ta' dan l-uzu (**Vol. XLIII P I p 595**);

Jirrizulta li t-total ta' inkassi f'kirjiet, maghduda maghhom il-konferimenti, hu ta' erbat elef seba' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm4785.88,0) li jfisser li kull wiehed mill-kondividendi jmissu seba' mija u sebgha u disghin lira Maltija, erbgha u sittin centezmu u sitt millezmi (Lm797.64,6);

F'dan ir-rigward il-Qorti ser taddotta l-proposta tal-perit relatur kif hawn taht muri:-

1. <u>John Gatt</u> jiehu minghand l-Onor Dr Ugo Mifsud Bonnici Lm797.64,6

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2. | <u>Hilda Portelli</u> ghandha thallas konferimenti | Lm500.00,0 | |
| | Imissha | <u>Lm797.64,6</u> | |
| | ghandha tiehu minghand l-Onor Dr Ugo Mifsud Bonnici | <u>Lm297.64,6</u> | Lm297.64,6 |
| 3. | <u>Violet Scicluna</u> ghandha thallas konferimenti | Lm500.00,0 | |
| | ghandha thallas kera | <u>Lm490.00,0</u> | |
| | | Lm990.00,0 | |
| | imissha tiehu | <u>Lm797.64,6</u> | |
| | ghandha thallas lil Joseph | Lm192.35,4 | |
| 4. | <u>Saviour Gatt</u> imissu | Lm797.64,6 | |
| | gabar kera | <u>Lm252.00,0</u> | |
| | baqalu jiiehu minghand l-Onor Dr Ugo Mifsud Bonnici | <u>Lm545.64,6</u> | Lm545.64,6 |
| 5. | <u>Joseph Gatt</u> imissu | Lm797.64,6 | |
| | gabar kera | <u>Lm120.00,0</u> | |
| | baqalu jiehu | <u>Lm677.64,6</u> | Lm677.64,6 |
| | Dawn johodhom kwantu ghal Lm89.94.2 minghand l-Onor Dr Ugo Mifsud Bonnici, kwantu ghal Lm395.35,4 minghand Edgar u kwantu ghal Lm192.35 minghand Violet. | | |
| 6. | <u>Edgar Gatt</u> imissu | Lm797.64,6 | |
| | gabar Lm1148 + Lm45 | <u>Lm1193.00,0</u> | |
| | ghandu jhallas lil Joseph | <u>Lm395.35,4</u> | |

L-atturi rrilevaw illi suppost iridu jinghaddu wkoll hamsa u erbghin lira (Lm45) li *ex concessis* l-konvenut Edgar Gatt jaccetta li rceva f'kera minghand Emanuel Aquilina (Ara fol. 162, seduta 18 ta' April 1997). Fir-risposta tieghu (fol. 216) il-perit legali jaccetta li dan hu hekk il-kaz, pero` jidher li din ir-rimarka tieghu saret bi zvista ghax in effetti jirrizulta li din is-somma kienet gja giet konsidrata minnu u aggunta ma' l-inkassi ta' renti percepiti mill-imsemmi Edgar Gatt, kif hawn fuq manifest;

Il-perit legali rrefera wkoll ghad-deposizzjoni tal-kondividendi Hilda Portelli li fis-seduta tat-12 ta' Gunju 1997 rreferiet ghal xi negozju li kellhom il-genituri

taghhom dwar kiri u bejgh ta' karozzi, u li skond kif allegat minnha l-omm kienet iddisponiet minnu favur hutha l-atturi minghajr l-awtorizzazzjoni taghha. Dan il-fatt tan-nuqqas ta' kunsens hu zmentit mill-attur Joseph Gatt li fis-seduta tat-23 ta' Lulju 1997 permezz ta' l-esebit ta' kopja ta' prokura wera li l-omm inghatat il-fakolta` li tiddisponi mill-beni tal-komunjoni;

Bhal perit gudizzjarju qabilha, il-Qorti tinnota, imbaghad, illi dan in-negozju jew ir-rikavat tieghu ma jissemma mkien fl-atti tal-kawza dwar il-firmazzjoni u divizjoni ta' l-assi tal-komunjoni deciza fit-3 ta' Gunju 1983. Mhux il-kaz ghalhekk li din il-Qorti tinoltra ruhha fuq din il-materja jew taghmel rizervi dwarha. Il-kawzi, u aktar u aktar, dawk tax-xorta hawn ezaminata ghandhom ikollhom bidu u tmiem xi darba u mhux sewwa li certi kwestjonijiet jithallew in disparte ghall-eventwali soluzzjoni taghhom b'generar ta' kawzi ohra. Biex jinghad kollox, ma ngiebu l-ebda provi sodisfacenti f'dan ir-rigward biex din il-Qorti takkolji s-suggeriment tal-perit legali;

Dan ighodd ukoll ghal dik il-lista ta' ghamara u effetti mobili li l-istess imsemmija kondividendi tghid li qeghdin ghand l-attur Joseph Gatt u li ma gewx elenkati u valutati mill-istimatur William Cassar Torreggiani fl-10 ta' April 1984, fl-istima esebita bhala Dok. SAV fit-2 ta' Mejju 1987 a fol. 206 tal-process;

Il-Qorti hi ta' l-opinjoni illi konsiderat it-tenwita` tal-valuri ta' dawn l-effetti l-kondividendi ghandhom jaqblu bonarjament bejniethom dwar l-ahjar metodu u soluzzjoni ta' l-ispartizzjoni taghhom. Dan ighodd ukoll ghall-oggetti tad-deheb. In mankanza ta' ftehim bhal dan l-alternattiva tibqa' dik li wiehed jirrikorri ghar-rimedju straordinarju u eccezzjonali tal-licitazzjoni. Rimedju dan proponibbli biex jevita darba ghal dejjem il-kwestjonijiet bejn il-konsorti fuq din il-materja.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi bl-akkoljiment tat-talbiet attrici tordna l-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-assi ereditarji ta' Raymond u Fortunata konjugi Gatt bil-mod kif gej:-

I. Il-fondi mmobiljari komuni jigu assenjati lill-kondividendi bil-mod fuq imfisser, b'dan li l-fond "St. Anna" u l-garage "Gattsons" jigu assenjati indivizament flimkien lill-kondividendi Vivian Scicluna u John Gatt;

II. Il-frutti konsistenti principalment minn kirjiet tal-beni komuni jigu spartiti skond kif fuq stabbilit, bl-adezjoni tar-relazzjoni peritali;

III. Fin-nuqqas ta' ftehim bonarju bejn il-kondividendi fi zmien hmistax (15) il jum mil-lum l-ghamara u effetti mobili ohra, kif ukoll l-oggetti tad-deheb jigu licitati u l-prezz rikavat ghall-finijiet ta' l-izbank eventwali jigi maqsum fil-proporzjon ta' sesta (1/6) parti lil kull wiehed u wahda mill-kondividendi.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-kontendenti fil-proporzjon tar-rispettiva kompartecipazzjoni fis-sustanzi ereditarji u beni komuni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------